**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** **minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (7)

Il-ġimgħa l-oħra ltqajna ma' Leli Cremona – anzjan Belti li bħal ħafna dilettanti oħrajn, għalih Marsamxett kien l-aqwa distrett tar-Regatta bejn iż-żewġ gwerer, minkejja li r-riżultati uffiċjali jagħtuna stampa differenti.

Fil-fatt, ħafna mill-intervistati jsostnu, li matul dan il-perjodu tas-snin, Marsamxett kien armat tajjeb u dejjem ta sfida qawwija fil-korsi l-kbar lid-distretti tal-Port il-Kbir. Iżda l-introduzzjoni taż-żewġ korsi tal-Ferilli, u n-nuqqas ta' konfrontazzjoni diretta mal-Isla f'din il-korsa kienet iddaqqa tal-mewt għal dan id-distrett.

Għal ħafna partitarji Beltin, in-nuqqas ta' din it-tiġrija akkanita, ir-Regatta tilfet ħafna mill-eċċitament li kienet iġġib magħha din il-korsa, u minħabba hekk ħafna dilettanti tilfu l-interess fir-Regatta Nazzjonali. Meta f'nofs is-snin 30, xi ħabrieka Beltin reġgħu ri-organizzaw id-distrett mill-ġdid u deher li beda jieħu r-ruħ faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija ... sa hemm wasalna ma' Leli Cremona.

Il-lum ngħaddi biex inlaqqagħkom ma' Ġużeppi Formosa - anzjan ta' 80 sena mill-Isla, li sakemm miet, ma sħabu kien magħruf bħala 'In-Niger'. Ġużeppi kien wieħed mill-aqwa attivisti Sengleani tar-Regatta li ħaddan dan id-distrett kemm bejn iż-żewġ Gwerer Dinjija kif ukoll fis-snin 50 u 60. Jien ltqajt ma' Ġużeppi diversi drabi, kull darba niktbu xi silta interessanti mill-ġrajjiet li għadda minnhom matul il-karriera tiegħu bħala qaddief fl-opri Sengleani. Dawn is-siltiet qegħdin jiġu ppubblikati għall-ewwel darba:

*X'tiftakar dwar tfulitek u l-provi tad-dgħajjes fil-kanal?*

"... missieri kien barklor u n-nannu tiegħi wkoll. Bħal ħafna familji oħra li kienu jgħixu madwarna konna fqar, għalkemm missieri kien xi ftit fortunat għax kien jaqlagħha ftit aħjar mill-barklori l-oħra peress li kien jaħdem u jitla' fuq il-bastimenti tal-gwerra. Missieri kellu familja kbira, u jien u ħuti meta kbirna konna ninżlu ngħinuh fid-dgħajsa. Peress li kellu żewġ dgħajjes, mhux l-ewwel darba li jien u wieħed minn ħuti konna nieħu xi vjaġġ mill-Ponta sad-dwana jew bil-kontra. Niftakar, li meta kien jasal żmien il-provi tad-dgħajjes wara l-festa ta' San Lawrenz, jien u hija Pawlu konna nħallu x-xogħol tad-dgħajsa f'idejn missieri, u bħal ħafna barklori li kienu jieqfu mix-xogħol konna noqogħdu naraw il-provi.

"Mhux l-ewwel darba, li waqt prova u oħra, kemm jien, ħija u żgħażagħ oħra tamparna konna nitilgħu fuq xi dgħajsa li tkun intgħażlet biex jieħdu sehem biha fit-tiġrija, u sakemm jinbidel l-ekwipaġġ tagħha konna naqdfu biċċa triq fost l-għors kbir tagħna u tal-barklori, li bejn pinta nbid u oħra kienu jimpikawna ma' xulxin. Kien żmien ieħor!

"Jien niftakar il-Ponta ta' l-Isla mimlija bil-barklori u dilettanti, waqt li l-baħar ta' madwar il-ponta mimli dgħajjes, Frejgatini, Kajjikki u Ferilli. L-isbaħ żmien tal-provi kien ikun l-aħħar għaxart ijiem qabel it-tiġrija meta l-opri tat-tiġrija ta' kull distrett kienu jidħlu għall-aħħar provi tat-triq minn Ras Ħanżir sad-Dwana, għalkemm xi wħud kienu jippreferu jibdew mill-imħażen ta' Pinto.

"Marsamxett rari kienu jidħlu għaliex il-Beltin kienu jitħarrġu fil-port l-ieħor, iżda meta kienu jiġu, kienu jġibu magħhom għadd kbir ta' dgħajjes u laneċ armati sa ruħ ommhom bin-nies, b'xi wħud minnhom kienu jkunu ppreparati għall-ġlied."

*Bdejna bil-provi ... kif kienu jsiru dawn il-provi u xi tgħidli dwar il-qaddiefa?*

"... bejn wieħed u ieħor il-provi għadhom isiru l-istess. .. illum jibdew f'nofs Lulju, aħna konna nibdew wara San Lawrenz. Illum, il-qaddiefa li jieħdu sehem fir-Regatta huma kollha dilettanti - aħna konna barklori, u għalhekk ma kienx hemm bżonn ta' ħafna taħriġ fid-dgħajsa peress li x-xogħol tagħna kien bid-dgħajsa s-sena kollha.

"Mhux l-ewwel darba konna naqdfu xi qadfa żejda biex isservina bħala taħriġ. Fil-provi aħna konna nieħdu t-triq kemm-il darba iżda mhux minn Ras Ħanżir sad-Dwana, dik ħadniha kemm-il darba, iżda aħna aktar konna naqdfu mill-*Floating Dock* sal-Ponta għalkemm mhux l-ewwel darba ħadna t-triq mill-*Break Water* sal-Ponta u minn Pinto Wharf sal-Ponta. Aħna konna nippreferu li t-taħriġ tagħna jkun qrib il-Ponta biex nagħtu pjaċir li sħabna li kienu jinġabru fuq il-blat, xi wħud minnhom saħansitra kienu jieqfu mix-xogħol tad-dgħajsa biex isegwu dawn il-provi.

"Dwar il-qaddiefa, jien minn dejjem kont nisma' lil missieri jgħid li kienet issir għażla fost il-barklori u din is-sistema baqgħet issir anke fi żmieni kemm qabel kif ukoll wara l-gwerra. Illum peress li m'hawnx barklori, u l-qaddiefa huma kollha dilettanti, allura m'hemmx problemi fost il-qaddiefa kif kien jiġri qabel, meta l-Ponta kienet mimlija bil-barklori u ħafna minnhom kienu jridu jaqdfu fir-Regatta.

Jekk il-lum, il-kumitat isib żagħżugħ tajjeb, jitfgħu fid-dgħajsa u jieħu sehem, iżda fiż-żmieni l-istorja kienet differenti ħafna ..."



Marsamxett rebbieħa tal-ħames paljijiet tal-ewwel tar-Regatta fl-1910

*Xi tgħidli dwar it-tiġrijiet tad-dgħajjes ta' qabel il-gwerra?*

"...it-tiġrijiet ta' qabel il-gwerra kienu tiġrijiet mill-aktar akkaniti u minħabba hekk fihom kien isir ħafna ġlied. Semmejt il-ġlied, ma kinitx issir tiġrija li fiha ma kienx jinqala' l-inkwiet, u xi kultant serju ħafna u kienu jweġġgħu ħafna nies. Ħafna dilettanti akkaniti kienu jimlew l-opri tagħhom b'kaxxi mimlijin flixkien u injam u mal-ewwel sinjal tal-ġlied kienu jersqu f'dawk in-naħat, u jekk josservaw lil xi wħud min sħabu nvoluti fih jibdew iwaddbu l-fliexken u kull ma jkollhom fid-dgħajsa jew Ferilla.

"Imbagħad xi ngħidu għall-pulizija, din kienet tersaq bil-laneċ tagħha biex tipprova tikkontrolla l-ġlied u tarresta xi nies... hawnhekk in-nies kienet idur għaliha wkoll. Mhux l-ewwel darba li wara l-ewwel korsa, dik tal-Ferilli, kien jinqala' ħafna ġlied li kien jinfirex fuq l-art u l-baħar, b'mod speċċjali ħdejn il-Pont ta' Laneċ, peress li hemm kienu jinġabru ħafna partitarji Beltin li kienu jiġu apposta għall-ġlied. Jien m'iniex ngħid li aħna ma kellniex nies tal-ġlied - tagħna kienu imqarrbin daqs tal-port l-ieħor, iżda Bormla u l-Birgu kellhom ukoll...

*Imma kemm fil-fatt kienu akkaniti dawn it-tiġrijiet?*

"... int lanqas biss tista' timmaġina ... ara, biżżejjed ngħidlek, li mhix l-ewwel darba, li jiem qabel it-tiġrija smajna b'opri tat-tiġrija li jiġu distrutti bin-nar jew mifqugħa bil-ġebel minn partitarji avversarji, għas-sempliċi raġuni li d-dgħajsa jew Ferilla tkun aħjar jew eħfef minn tagħhom. Dawn il-vendikazzjonijiet aktarx kienu jsiru minn persuni mqabbda minn persuni midħla tal-imħatri. Dawn l-attentati dejjem saru fis-satra tal-lejl. Darba ppruvaw ikissru d-dgħajjes tagħna iżda aħna konna għassa tagħhom u meta ġew il-Ponta ħrigna għalihom ..."

*Nismagħhom jgħidu li ħafna mill-opri li kienu jieħdu sehem fir-Regatta kienu ta' sidien privati ... f'dak iż-żmien ma kinux jeżistu opri tad-distrett?*

"... l-opri kollha kienu tas-sidien privati jew tal-barklori, iżda l-Kajjikki t-Twal kienu tad-distrett jew ta' xi partitarji. Dawn il-Kajjikki Twal, kienu ħfief ħafna u mibnijin apposta għat-tiġrija. Aħna kellna ħafna Kajjikki ta' din ix-xorta, u kemm Marsamxett, Bormla u l-Birgu kellhom ukoll. Anke l-Kalkara kellhom tnejn! Kif għedtlek, dawn il-Kajjikki kienu tat-tiġrija - ma kinux jaħdmu bihom bħal Kajjikki tal-Kopp li kien hawn ħafna minnhom fiż-żewġ portijiet. Aħna kellna wkoll xi Ferilli, li kienu jaħdmu bihom matul is-sena, iżda d-dgħajjes kienu tal-barklori li kienu jaħdmu bihom is-sena kollha...

*Meta xi dgħajsa kien jiġrilha xi ħasra fit-tiġrija, min kien iħallas l-ispejjeż tagħha biex tissewwa?*

"... normalment it-tiswijiet li kienu jsiru fuq xi ħsarat li jġarrbu d-dgħajjes waqt it-tiġrija ma kinux ikunu kbar - ħafna mill-imgħallmin kienu partitarji u allura kienu jsewwu dawn il-ħsarat bla ħlas, iżda t-tlestija tax-xogħol kien jiddependi ħafna fuq ix-xogħol li jkollhom fil-mument. F'każi simili, aħna konna nsibu xi benefattur li kien jidħol għall-ispejjeż u x-xogħol fuq l-opri privati jsir fi żmien qasir. Tinsiex li dak iż-żmien ma kienx hemm il-kumitati li hawn illum, iżda xi tliet jew erba' barklori li kienu jieħdu ħsieb kollox huma."

*tkompli f'ħarġa oħra*